FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 9 TA' JANNAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR NEVILLE XUEREB
VS
ZGOUZI WALID AYAD MOHAMED

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Zgouzi Walid Ayad Mohamed ta' nazzjonalita Libjana iben Ayad imwieled Franza fl-24 ta' Settembru 1981 u fil-pussess ta' passaport nru 281124 talli f'dawn l-ahhar gimghat minghajr ma inghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali ta' L-immigrazzjoni.

Talli f'dawn l-ahhar xhur iffalsifika u ghamel uzu minn sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' prorpjeta pubblika jew li jkunu qeghdin that il-kustodja pubblika u dan bi ksur ta' l-artikolu 172 (1) u (2) u 176 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zmien ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minnxi dokument iffalsifikat u dan bi ksur ta' l-artikolu 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-lum stessfejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 172(1) u (2),176, 189 u 28A tal-kap 9, u Art 14 u 15 tal-kap 217, u tikkundanna lill-imputat ghall tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena u tordna t-tkeccija tieghu min dawn il-gzejjer.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.